MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 406/2010

**A B**

**-vs-**

**C D u Dr. A D u l-Prokuratur Legali A Bonello li b'digriet tal-31 ta' Jannar 2011 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tat-tfal minuri E u F B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A D, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab lil din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeciedi illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri F u E illi huma jmorru jghixu permanentement ma' missierhom ir-rikorrenti;

Illi konsegwentement tordna illi jkun hemm varjazzjoni ulterjuri fil-klawzola tal-kuntratt ta' separazzjoni u senjatament dik bin-numru sebgha (7) tal-ewwel kuntratt fis-sens illi t-tfal imorru jghixu permanentement mar-rikorrenti, b'dati u hinijiet fissi stabbiliti minn din il-Qorti meta ghandhom imorru jaraw lill-intimata ommhom;

Illi konsegwentement illi jkun hemm ukoll bdil fit-termini tal-kondizzjonijiet enumerati tmienja (8) u disgha (9), skond kif tordna din l-istess Qorti;

Illi jkun hemm it-thassir tal-kondizzjonijiet enumerati ghaxra (10) u hdax (11) u dan billi ma jkunx ghad hemm ebda manteniment x'jithallas lill-intimata u kull spiza relattiva ghall-edukazzjoni tal-istess tfal issir responsabilita' esklussiva tar-rikorrenti;

Illi jkun hemm it-thassir tal-kondizzjoni enumerata tlettax (13);

Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att ta' varjazzjoni relattiv ghall-kuntratt tat-12 ta' Dicembru 2002, kif sussegwentement emendat bl-effetti tal-kuntratt korrettorju u tal-imsemmija sentenza, dejjem skond kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in virtu' tat-talbiet precedenti;

Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci; u

Tappunta data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-intimata li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D li eccepiet:

Illi l-ewwel talba tal-attur ghall-affidament tal-kustodja tal-minuri F u E ghandha tigi respinta ghas-segwenti motivi:

i. Illi ma huwiex assolutament fl-interess tal-minuri illi huma jitrabbew ma’ missierhom ghal motivi illi dwarhom l-eccipjenti sejra telabora fid-dikjarazzjoni u fil-kontro-talba taghha. Anzi proprju l-kuntrarju huwa l-kaz. Fil-fatt, nonostante l-istrapazz kbir psikologiku u finanzjarju ghall-eccipjenti, suprem tal-minuri illi r-rapport taghhom ma’ missierhom ikun strettament kontrollat u mhares.

ii. Illi l-impostazzjoni tat-talba ghall-kustodja mill-attur fil-kawza odjerna tieghu bhala ordni “illi l-minuri jmorru jghixu permanentement mal-attur” ma hiex sostenibbli billi l-arrangamenti, ossia l-ordnijiet dwar minuri, jinghataw “*sic rebus stantibus*” u jigi varjat minn zmien ghal zmien skond kif dettat mill-interess tal-minuri.

Illi t-tieni talba ma hiex necessarja, anzi hija ghal kollox superfluwa u insostenibbli, billi ma hemmx lok illi jigi varjat il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-kontendenti sabiex tinghata forza jew titolu ezekuttiv lil sentenza tal-Qorti, aktar u aktar jekk il-kuntratt illi kien jirregola l-kustodja u l-access tal-minuri, kien wiehed ta’ separazzjoni u z-zwieg tal-kontendenti gie dikjarat null u l-kontendenti huma mizzewga lil terzi.

Illi, similarment u ghall-istess motivi, huma ukoll superfluwi u insostenibbli t-talbiet kollha l-ohra in kwantu jirrigwardaw il-varjazzjoni, bis-sentenza mitluba, tad-diversi dispozizzjonijiet tal-kuntratt ta’ separazzjoni, jew li jirrigwardaw il-formalitajiet tal-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt.

Illi t-talba illi l-konvenut jigi ezonerat mill-obbligu illi jhallas il-manteniment, tiddependi naturalment mill-ezitu tat-talbiet centrali ta’ din il-kawza dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri.

Illi f’kull kaz, it-talba kif impostata ma twassalx ghall-ezoneru tal-attur mill-obbligu tal-hlas tal-manteniment.

Rat il-kontro-talba guramentata ta’ C D, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-

Qorti illi, fl-interess suprem tat-tfal minuri, F u E, ulied il-kontendenti, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja okkorrendo bl-opera ta’ psikologa maghzula mill-Qorti, tenut kont tad-delikatezza tal-problema u l-propensita’ tat-tfal illi joskuraw lil ommhom u jipprotegu lil missierhom, filwaqt illi tikkonferma illi l-imsemmija tfal minuri ghandhom jibqghu fil-kura u l-kustodja ta’ ommhom, tordna illi l-access tal-attur jigi ezercitat taht supervizjoni u modalitajiet ohra illi jigu imposti appozitament mill-istess Onorabbli Qorti u li t-tfal ma jkollhom ebda kuntatt iehor mal-attur missierhom hlief l-access hekk stabbilit.

Rat ir-risposta guramentata ta’ A B ghall-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha, talab lil din il-Qorti illi ghal dawn il-motivi, it-talbiet tar-rikonvenzjonanti, ma jisthoqqilhomx li jigu milqugha u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit kollha.

Semghet ix-xhieda u kkunsidrat ix-xhieda kollha prodotta fuq mezzi elettronici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi t-tfal tal-partijiet f’din il-kawza ghandhom tlettax-il sena. Huma tewmin u twieldu qabel iz-zwieg tal-genituri taghhom. Il-partijiet sussegwentement izzewgu, pero’ z-zwieg taghhom gie dikjarat null. Iz-zewg partijiet issa mizzewgin lil terzi u ghandhom l-ulied. Is-sitwazzjoni tat-tewmin giet regolata permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni sussegwentement emendat kemm b’kuntratt kif ukoll b’kawza deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta. Xi zmien ilu rega’ beda d-dizgwid li wassal ghall-kawza odjerna.

Din il-Qorti tibda biex tiddikjara illi n-natura ta’ din il-kawza, aktar milli apprezzament tad-dritt vigenti tirrikjedi mill-Qorti valutar akkurat tal-hafna xhieda prodotta u dan bil-ghan illi kull decizjoni li tittiehed ikollha bhala fini ahhari

taghha l-interess suprem tal-minuri. Xehdu f'din il-kawza familjari tal-partijiet, ghalliema, tobba kuranti. Gew pprezentati ukoll kopji ta' rapporti ta' psikologi u haddiema socjali, flimkien ma recordings elettronici li juru l-imgieba tal-istess minuri.

Il-Qorti qieset il-provi kollha b'reqqa kbira.

Il-Qorti semghet ukoll lill-minuri nnifishom diversi drabi, kemm f'dawn il-proceduri, kif ukoll fil-proceduri ta' medjazzjoni li pprecedew.

Madanakollu, il-Qorti hi tal-fehma li l-minuri ghandhom ikunu fil-kura u kustodja ta' missierhom kif ordnat li jkunu din il-Qorti stess pendente lite.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel talba ta' A B u tordna;

1. Li l-minuri F u E B jkunu fil-kura u kustodja ta' missierhom;

2. Il-minuri ghandhom imorru ghand ommhom darba fil-gimgha, b'mod alternattiv, is-Sibt jew il-Hadd mill-10.00am sal-4.00pm;

3. Decizjonijiet straordinarji dwar sahha u edukazzjoni ghandhom jittiehdu mill-partijiet flimkien;

4. il-passaporti tal-minuri ghandhom jinzammu mill-missier, b'dana illi jekk il-minuri jkunu ser isiefru, il-missier ghandu jikseb il-kunsens tal-omm. Jekk l-omm tkun trid issiefer l-ulied maghha, trid tikseb il-kunsens tal-missier;

5. L-omm ghandha tghaddi lill-missier, ghall-minuri, is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat. Spejjez ta' sahha u edukazzjoni ghandhom jithallsu mill-partijiet fi kwoti indaqs bejniethom;

6. Klawzola 13 tal-kuntratt datat 12 ta’ Dicembru 2002 qeghda tithassar b’din is-sentenza. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet (6), (7) u (8) fir-rikors promotur stante li huma superfluwi;

7. Il-Qorti tordna ukoll illi l-partijiet u l-minuri ghandhom jattendu ghall-ghoxrin (20) sessjoni mal-psikoterapista Joyce Sciberras li qed tigi nominata minn issa ghal dan l-iskop u dan bil-ghan li tigi ristabbilita r-relazzjoni tal-ulied mal-omm. Il-hlas ta’ dawn is-sessjonijiet huma a karigu tal-partijiet fi kwoti ugwali;

8. Tichad il-kontro-talba.

Kull parti fil-kawza thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------